

# L-Immakulata f'Ta' Ġieżu

*Mario Fenech*

Ix-xbiehat tal-Immakulata Kunċizzjoni niltaqgħu magħhom f'diversi knejjes, kappelli, mużewijiet, postijiet pubbliċi bħal m'huma statwi fi pjazez , toroq, faċċati ta' djar u fi djar privati fil-gżejjer Maltin

Għal dan l-artiklu tiegħi għażilt waħda minn dawn ix-xbiehat sbieħ tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani , magħrufa bħala ta' Ġieżu fil-belt Valletta.

Il-Patrijiet Franġiskani huma magħrufa għall-ħidma fit-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna b'dan it-titlu sabiħ, għaldaqstant wieħed mill-altari huwa ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Qabel, dan l-altar kien taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Grazzja flimkien mal-erwieħ tal-Purgatorju.



Fis-sena 1844, Patri Serafin Borg, li kien devot kbir tal-Immakulata ħa ħsieb ineħħi l-kwadru li kien hemm qabel u bena niċċa biex fiha tpoġġiet statwa sabiħa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din l-istatwa hija minquxa fl-injam mill-iskultur Xandru Farrugia taż-Żejtun. Dan l-istess skultur kien naqqax fl-injam l-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata għall-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien fis-sena 1829. Dan il-fatt huwa r-raġuni għax-xebħ fl-uċuh li wieħed jara bejn dawn iż-żewġ statwi.

Id-devozzjoni lejn l-Immakulata kompliet tikber u tinxtered bil-ħidma tal-Patrijiet tant li ftit tas-snin wara li tpoġġiet l-istatwa fin-niċċa tagħha, ċertu Ġiovanni Pace Axiaq, Prokuratur ta' dan l-altar biddel l-altar minn wieħed tal-ġebel għal wieħed tal-irħam, filwaqt li għamel ukoll dekorazzjoni bl-irħam mad-dawra tan-niċċa.

L-istatwa tal-Immakulata għandha xogħol sabiħ ta' sgaraffir u induratura fuq l-ilbies tagħha filwaqt li ma' rasha għandha Stillarju ta' kulur dehbi bi tnax –il stilla. Taħt il-figura tal-Madonna, l-iskultur naqqax dinja bis-sħab fuqha, filwaqt li taħt is-sieq il-leminija tal-figura poġġa serp b'tuffieħa f'ħalqu, eżempju tar-rebħa li għamlet l-Immakulata fuq id-dnub.. L-idejn tal-figura tal-Madonna qegħdin ma' xulxin bil-mant kaħlani xi ftit miftuħ u mtajjar fuq in-naħa tax-xellug.

Statwa tassew sabiħa tal-Immakulata Kunċizzjoni kif naqqaxha l-iskultur Xandru Farrugia , mela min jaf kemm hija isbaħ fil-għoli tas-sema inkurunata mit-Trinita Qaddisa u mogħtija ġieħ mill-Kori kollha tal-Anġli

Il-festa t-tajba lil kulħadd

